IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 25.10.2005
COM (2005) 532 finali

IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM KOMUNITARJU TA' LISBONA

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Kontribut ta' Politika ta' Tassazzjoni u Dwana lill-Istrateġija ta' Lisbona

WERREJ

1. Bidu ġdid għall-Istrateġija ta' Lisbona 3

1.1. It-tassazzjoni, l-effiċjenza u l-kompetittività 4

1.2. Il-politika doganali, wieħed mill-pilastri tas-Suq Intern 4

2. Nagħmlu l-Ewropa post aktar attraenti għall-investiment u x-xogħol 5

2.1. Inwessgħu u nkabbru s-Suq Intern 5

2.1.1. Bażi Komuni u Konsolidata ta' Taxxa tal-Kumpanija għan-negozji ta' l-UE 5

2.1.2. Nissemplifikaw l-ambjent fiskali u noħolqu bilanċ ġust għal kulħadd 6

2.1.3. Miżuri mmirati għat-tneħħija ta' barrieri ta' taxxa ta' bejn il-fruntieri li kumpaniji ta'l-UE qed jiffaċċjaw 8

2.1.4. Strateġija ġdida għat-tassazzjoni ta' karozzi 9

2.1.5. Innaqqsu t-tagħwiġ maħluq mill-frodi u l-evażjoni tat-taxxa 10

2.2. Niżguraw swieq miftuħa u kompetittivi ġo u barra l-Ewropa 10

2.2.1. Strateġija kontra l-iffalsifikar 10

2.2.2. Titjib fil-leġislazzjoni u fil-konformità doganali u l-promozzjoni tad-Dwana Elettronika 11

2.3. Intejbu r-regolamentazzjoni Ewropea u nazzjonali 12

2.3.1. Naġġornaw ir-regoli tal-VAT 12

3. Għarfien u innovazzjoni għat-tkabbir 13

3.1. Inżidu u ntejbu l-investiment fir-Riċerka u l-Iżvilupp (R&D) 13

3.1.1. Komunikazzjoni ta'gwida għal inċentivi fiskali fl-R&D 13

3.2. Niffaċilitaw l-użu sostenibbli tar-riżorsi 14

3.2.1. Taxxi relatati ma' l-enerġija, it-trasport u l-ambjent 14

IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM KOMUNITARJU TA' LISBONA

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Kontribut ta' Politika ta' Tassazzjoni u Dwana lill-Istrateġija ta' Lisbona

1. Bidu Ġdid għall-Istrateġija ta' Lisbona

Dan l-aħħar il-Kummissjoni pproponiet bidu ġdid għall-istrateġija ta' Lisbona bl-attenzjoni fuq it-tkabbir u l-impjiegi.[1] Sabiex tilqa' din l-isfida, jeħtieġ li l-Ewropa ssir post aktar attraenti għall-investiment u x-xogħol; għall-promozzjoni ta' l-għarfien u l-innovazzjoni; u sabiex insawru politika li tippermetti lin-negozji Ewropej li joħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar. .

It-tassazzjoni u l-politika doganali għandhom sehem sinifikanti biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Huma jistgħu jikkontribwixxu billi jżidu l-effiċjenza ta' l-ekonomiji tagħna, fost oħrajn permezz ta' l-użu effiċjenti tar-riżorsi naturali, u l-kompetittività tal-kumpaniji tagħna. Huma jistgħu wkoll jiġġeneraw aktar kompetizzjoni fis-swieq, jagħtu spinta lill-kummerċ u jappoġġjaw l-għerf u l-innovazzjoni.

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta l-**miżuri ewlenin tal-Komunità dwar politika ta' tassazzjoni u dwana** li se jikkontribwixxu għal aġġustament strutturali mgħaġġel meħtieġ fl-ekonomiji tagħna sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija hawn fuq. B'hekk, hi tkun qed timxi fuq il-linji ta' azzjoni stabbiliti fil-Komunikazzjoni lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa: " “Naħdmu flimkien għat-tkabbir u l-impjiegi, bidu ġdid għall-istrateġija ta' Lisbona"[2].

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni hu li tfassal b'mod komprensiv miżuri ta' taxxa u dwana, kemm dawk fis-seħħ u kemm dawk ippjanati, li jkunu jirrappreżentaw ġabra koerenti ta' inizjattivi li jappoġġjaw wieħed mill-impenji politiċi ewlenin ta' l-UE.

Sezzjoni 2 tippreżenta azzjonijiet ewlenin immirati sabiex isaħħu s-suq intern, jiżguraw swieq miftuħa u kompetittivi u jtejbu l-leġislazzjoni Ewropea u dik nazzjonali. Sezzjoni 3 tippreżenta inizjattivi ewlenin sabiex jikber u jitjieb l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp u biex l-innovazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi jkunu ffaċilitati. (Ara t-tabella annessa tal-miżuri tal-politika). Fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, dawn l-inizjattivi se jieħdu forma differenti u, kif xieraq, se jiġu kkomplementati b'valutazzjoni ta' l-impatt tagħhom.

Dawn l-inizjattivi għandhom igħinu sabiex jiġġedded it-tkabbir u b'hekk jinħolqu impjiegi iktar u aħjar. Safejn għandha x'taqsam politika iktar speċifika ta' xogħol, wieħed għandu jinnota illi fuq livell ta' Stat Membru, miżuri speċifiċi ta' tassazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għal żjieda fl-impjiegi u għall-promozzjoni ta' ekonomiji soċjalment inklużivi. Tassazzjoni relattivament qawwija fuq ix-xogħol tidher li kienet diżinċentiv għall-ħolqien ta' aktar impjiegi, speċjalment dawk ta' ftit sengħa; iżda t-twessigħ tal-bażi tat-taxxa bit-tħaddim ta'

[1] Kummissjoni, COM(2005) 330 u COM(2005) 24.
[2] ibid.

iktar nies jibqa' l-iktar mod effettiv għall-gvernijiet sabiex iżidu d-dħul tagħhom mingħajr ma jgħollu r-rati tat-taxxa. Moviment mix-xogħol għall-konsum jew/u għall-intaxxar tat-tniġġiż jista' jgħin ukoll bħala parti minn strateġija usa' għal żjieda fil-livelli ta' impjiegi.

1.1. It-Tassazzjoni, l-effiċjenza u l-kompetittività

Fil-waqt li ċertu livell ta' kompetizzjoni ta' taxxa hu tajjeb u jista' jkollu effetti ekonomiċi pożittivi, l-għan ewlieni ta' kull sistema ta' taxxa hu li jinġabru ammonti ta' flus sabiex jiffinanzjaw servizzi u trasferimenti pubbliċi. Dan għandu jsir b'mod effettiv kemm jista' jkun. Sistemi ta' taxxa jista' jkollhom prezzhom ukoll. Dan ikun jew f'forma ta' tnaqqis ta' effiċjenza ekonomika – minħabba tagħwiġ ta' taxxi – jew f'piżijiet ta' konformità u amministrazzjoni fuq min iħallas u jamministra t-taxxa.

Ħafna spejjeż żejda ta' amministrazzjoni għal konformità fit-taxxa ġejjin mill-eżistenza fl-UE ta' sistemi nazzjonali differenti ta' tassazzjoni. Din is-sitwazzjoni timplika barrieri għal allokazzjoni iktar effiċjenti ta' riżorsi u nuqqas ta' "bilanċ ġust għal kulħadd"[3]. Fil-fatt, it-tassazzjoni doppja, l-ispejjeż għar-ristrutturar tal-kummerċ minħabba t-taxxa u ż-żjieda fid-differenzi ġenerali bejn ir-regoli tat-taxxa ta' l-Istati Membri jfisser li kumpaniji qed jippreferu jaħdmu f'pajjiżhom milli fi Stat Membru ieħor. Dawn huma ostakoli sinifikanti sabiex jintlaħqu l-benefiċċji kollha ta' **suq intern kompetittiv**. It-tneħħija ta' dawn il-barrieri tgħin sabiex jinħolqu opportunitajiet ġodda għal min ikun dieħel fis-suq, u l-kompetizzjoni li din iġġib magħha tixprunal-investiment u l-innovazzjoni. Barra minn hekk, it-tnaqqis fl-ispejjeż assoċjati mat-tneħħija ta' dawn il-barrieri ta' taxxa għandu jikkontribwixxi għat-tkabbir tal-kompetittività tas-settur produttiv ta' l-UE.

Politika ta' tassazzjoni tista' wkoll ikollha rwol proattiv billi tagħti spinta **lill-għarfien u l-innovazzjoni għat-tkabbir**. Ir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll l-ambjent ġenerali tal-kummerċ jista' jibbenefika minn miżuri fiskali fil-mira. It-taxxi jistgħu jgħinu wkoll biex jippromwovu bidla ambjentali li twassal għal forom sostenibbli ta' produzzjoni u konsum.

1.2. Il-politika doganali, wieħed mill-pilastri tas-Suq Intern

Il-politika doganali għandha sehem importanti fit-**tkabbir tal-kummerċ**. Iż-żjieda fil-volum tal-kummerċ f'dawn l-aħħar snin, flimkien mal-komplessità tal-katina moderna tal-provvista, it-tħassib dwar is-sigurtà u s-saħħa, in-numru ta' partijiet involuti u l-ħeffa li biha l-oġġetti jgħaddu minn id għal oħra, iżżid bil-bosta l-kundizzjonijiet dwar informazzjoni relatata mal-kummerċ.

Jekk il-liġijiet doganali jiġu ssemplifikati, il-proċessi u proċeduri jkunu koordinati u jkun hemm sistema elettronika u koerenti li tista' titħaddem bejn id-dwani, in-negozjanti jiffrankaw ħin u flus fit-transazzjonijiet kummerċjali tagħhom mad-dwana. Fl-istess waqt, il-kompjuterizzazzjoni u sistema li tista' titħaddem bejn id-dwani tiżgura t-traċċabilità ta' l-oġġetti u t-trasparenza kemm għall-amministraturi tad-dwana kif ukoll għall-komunità kummerċjali.

---

[3] Ara "Is-Servej Ewropew dwar it-Taxxa" (SEC(2004) 1128/2).

2. NAGĦMLU L-EWROPA POST AKTAR ATTRAENTI GĦALL-INVESTIMENT U X-XOGĦOL

2.1. Inwessgħu u nkabbru s-Suq Intern

L-Istrateġija ta' Lisbona tenfasizza li għad hemm bżonn ta' riformi radikali sabiex is-suq intern ikun komplut u dawn jeħtieġ jingħatawlhom attenzjoni speċifika. Il-parti l-kbira ta' l-azzjonijiet li ħadet l-UE fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni tindirizza kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif u l-ħidma tas-suq intern. F'dan il-kuntest, tajjeb wieħed jenfasizza s-sehem importanti li jibqgħu jagħtu l-Programmi Doganali Komunitarji 2013 u Fiscalis 2013[4] sabiex is-Suq Intern jibqa' jaħdem bla xkiel, mhux l-inqas bil-finanzjament min-naħa tagħhom tal-komunikazzjoni elettronika bejn is-sistemi ta' l-informatika ta' l-Istati Membri fil-qasam tad-dwana u tat-taxxa.

Fil-preżent, **diversi aspetti ta' kif jiffunzjonaw is-sistemi nazzjonali tat-taxxa għandhom effetti negattivi fuq l-integrazzjoni tas-suq** jew ma jħallux li l-vantaġġi tas-suq wieħed ikunu sfruttati b'mod sħiħ. Barra dan, minħabba li l-ambjent kummerċjali tal-lum iwassal għal iktar attività bejn il-fruntieri milli kien il-każ għoxrin sena ilu, l-ostakoli tat-taxxa issa saru iktar evidenti bħala barrieri li s-suq intern għad għandu.

It-tneħħija ta' dawn l-ostakoli tippermetti n-negozji jagħmlu għażliet ekonomiċi iktar sodi u bbażati fuq il-produttività tal-fatturi kif ukoll inqas mgħawġa bl-effett ta' ċerti spejjeż żejda. Dan għandu jwassal għal żjieda fil-produzzjoni fl-ekonomiji ta' l-Istati Membri u għal pressjoni fuq l-ispejjeż u l-prezzijiet biex dawn jonqsu b'dan ta' l-aħħar jiddependi fuq il-kundizzjonijiet tas-suq partikulari tal-prodott u l-imġiba attwali tal-kumpaniji. Dan, bil-mod, għandu jirriżulta f'kisbiet ta' ġid.

2.1.1. Bażi Komuni u Konsolidata ta' Taxxa tal-Kumpanija għan-negozji ta' l-UE

Preżentement fl-UE jeżistu flimkien 25 **sistema** differenti **ta' taxxa tal-kumpanija** li xi drabi huma wkoll inkompatibbli ma' xulxin. Fil-fatt, dan jimponi spejjeż supplimentari biex ikun hemm konformità u ftit joffri opportunitajiet ta' kumpens għat-telf transnazzjonali, anke jekk il-kumpens għal dan it-telf spiss jeżisti għal sitwazzjonijiet purament domestiċi. F'suq verament wieħed dan m'għandux jiġri. Fil-waqt li l-kumpaniji fl-attività kummerċjali tagħhom (riċerka, produzzjoni, inventarji, bejgħ, eċċetra) qed iżidu fit-tendenza li jqisu l-UE bħala suq wieħed, għal raġunijiet biss ta' taxxa, huma obbligati li jaqsmu dan is-suq fi swieq nazzjonali.

Ir-regoli tat-taxxa tal-kumpanija jqisu l-attivitajiet ta' bejn il-fruntieri fl-UE b'mod differenti u spiss ukoll b'mod inqas favorevoli minn attivitajiet simili purament domestiċi. Dan iħeġġeġ lill-kumpaniji biex jinvestu f'pajjiżhom u jgerrex il-parteċipazzjoni f'kumpaniji barranin u l-ftuħ ta' sussidjarji barra l-pajjiż. Fl-istess waqt, nuqqasijiet ta' uniformità bejn is-sistemi nazzjonali jiftħu l-bibien għal possibilitajiet ta' ħrib mit-taxxa.

Il-politika tal-Kummissjoni fil-ħidma tagħha lejn **Bażi Komuni u Konsolidata ta' Taxxa tal-Kumpanija** ("CCCTB") tmur lura għall-2001[5] u kienet ikkonfermata fl-2003[6]. Is-CCCTB tagħmilha possibbli għal kumpaniji li qed joperaw fis-suq intern li jimxu fuq l-istess regoli biex jikkalkulaw il-bażijiet tat-taxxa tagħhom fi Stati Membri differenti ta' l-UE. M'huwiex

4 Kummissjoni, COM(2005) 111.
5 Kummissjoni, COM(2001) 582 u SEC(2001) 1681.
6 Kummissjoni, COM(2003) 726.

il-ħsieb tal-Kummissjoni li tipproponi rata armonizzata ta' taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji. Imma, Bażi Komuni u Konsolidata ta' Taxxa tal-Kumpanija tippermetti kumpens għat-telf li jseħħ bejn il-fruntieri kif ukoll issolvi l-problemi attwali tat-taxxa marbuta ma' l-attivitajiet ta' bejn il-fruntieri u tippermetti wkoll ir-ristrutturar ta' gruppi ta' kumpaniji. Għandu jkun hemm ftehim dwar metodu sabiex l-Istati Membri jaqsmu bejniethom il-bażi konsolidata ta' taxxa biex kull Stat ikun jista' japplika r-rata tat-taxxa tiegħu bħala sehmu fil-bażi konsolidata. Dan il-metodu għandu jwassal biex fl-UE jkun hemm sistema ta' taxxa tal-kumpanija li tkun iktar sempliċi u trasparenti.

Dan hu eżerċizzju ta' sfida, imma l-Kummissjoni għandha l-ħsieb li twettaq ix-xogħol meħtieġ ta' preparazzjoni għal din il-Bażi Komuni u Konsolidata ta' Taxxa tal-Kumpanija matul it-tliet snin li ġejjin sabiex sa l-2008 tippreżenta miżura leġislattiva Komunitarja.

2.1.2. Nissemplifikaw l-ambjent fiskali u noħolqu bilanċ ġust għal kulħadd

L-għan tal-miżura msemmija hawn fuq hu li teħodha kontra ħafna mill-ostakoli tat-taxxa li kumpaniji multinazzjonali jiffaċċjaw. Iżda, l-attivitajiet ekonomiċi ta' bejn il-fruntieri fl-UE jħabbtu wiċċhom ukoll ma' għadd ta' miżuri oħra ta' taxxa, b'mod partikolari is-sistema tal-VAT. Dawn jimponu obbligi inkrepattivi u jservu ta' barrieri għall-kummerċ u l-investiment. L-attivitajiet ta' bejn il-fruntieri jwasslu għal żjieda sinifikanti fl-ispejjeż tal-kumpaniji kollha biex dawn ikunu konformi statistikament[7]. Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) huma partikolarment vulnerabbli għal dawn l-ostakoli peress li l-ispejjeż tagħhom huma proporzjonalment ogħla minn dawk ta' kumpaniji kbar. Il-ħelsien minn dawn l-ostakoli għandu jżid b'mod konsiderevoli il-parteċipazzjoni ta' l-SMEs fis-suq intern, li preżentement hija ferm inqas minn dik ta' kumpaniji kbar. Ir-riżultat ta' dan huwa ineffiċjenzi ekonomiċi u impatt potenzjalment negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' l-impjiegi.

a) Obbligi ta' konformità mal-VAT

Skond is-Servej Ewropew dwar it-Taxxa[8], ir-raġuni għaliex 14% ta' l-SMEs u 10% tal-kumpaniji l-kbar ma jwettqux attività ekonomika li hija suġġetta għall-VAT fl-Istati Membri fejn m'għandhomx stabbilimenti permanenti hi biss minħabba kundizzjonijiet ta' konformità ta' VAT. B'risposta għal dan, f'Ottubru ta' l-2004 l-Kummissjoni ppreżentat proposta ewlenija biex **tissemplifika l-obbligi preżenti ta' konformità ta' VAT bejn il-fruntieri** biex b'hekk tagħmilha eħfef għan-negozjant li jipprovdi prodotti u servizzi lill-Istati Membri l-oħra ta' l-UE. B'mod partikulari, din il-proposta taħseb għal sistema ta' "**one-stop shop**" li tippermetti negozjanti jużaw numru wieħed tal-VAT għall-provvisti kollha tagħhom fl-UE kif ukoll li jagħmlu dikjarazzjoni waħda globali tal-VAT f'portal elettroniku li permezz tiegħu d-denunzja tal-VAT tiġi ppreżentata b'mod awtomatiku fl-Istati Membri differenti fejn in-negozjant ikollu l-attivitajiet taxxabbli tiegħu. Din il-proposta għandha ħames miżuri oħra ta' semplifikazzjoni li jagħmluha eħfef għan-negozji, speċjalment għall-SMEs, biex jagħmlu l-kummerċ fi Stati Membri oħra. Id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin fil-Kunsill.

b) Applikazzjoni sperimentali tal-metodu ta' Tassazzjoni ta' l-Istat Residenzjali

Fil-kuntest ta' l-istrateġija tal-Kummissjoni tat-taxxa tal-kumpanija, il-kunċett ta' Tassazzjoni ta' l-Istat Residenzjali kien identifikat bħala soluzzjoni possibbli għal dawk il-kwistjonijiet ta' taxxa li jfixklu l-iktar lill-SMEs fl-attivitajiet tagħhom ta' bejn il-fruntieri. Essenzjalment, il-

7 Ara "Is-Servej Ewropew dwar it-Taxxa" (SEC(2004) 1128/2).
8 SEC(2004) 1128/2.

kunċett ta' Stat Residenzjali japplika **l-metodu ta' għarfien reċiproku għat-trattament tat-taxxa ta' l-SMEs** tas-suq intern. Kumpaniji li jikkwalifikaw għal dan jistgħu japplikaw ir-regoli tat-taxxa ta' l-istat residenzjali tagħhom għas-sussidjarji u għall-istabbilimenti permanenti tagħhom fi Stati Membri oħra parteċipanti. Dan ma jimplikax xi armonizzazzjoni tar-rati għax dawn jibqgħu jkunu stabbiliti u applikati minn kull Stat Membru.

Il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li din l-idea, li kienet żviluppata f'dettall tekniku konsiderevoli, tista' tiġi ppruvata b'mod utli billi tħalli l-SMEs jużaw dan il-metodu għal ħames snin fuq bażi ta' skema pilota sperimentali. Il-Kummissjoni hi bil-ħsieb li tippreżenta Komunikazzjoni fuq dan is-suġġett qabel tmiem is-sena 2005.

c) Ir-regoli tal-VAT dwar is-servizzi internazzjonali

Il-leġislazzjoni tat-taxxa tindirizza realtajiet ekonomiċi u tkun biss effiċjenti jekk kontinwament tiġi adattata għal żviluppi u sfidi ġodda. Il-fatt li iktar u iktar servizzi jistgħu jiġu pprovduti fuq livell internazzjonali huwa sfida partikulari. Fil-waqt li l-UE kienet kapaċi tirreaġixxi b'suċċess għall-implikazzjonijiet tal-VAT fuq il-kummerċ elettroniku u l-liberalizzazzjoni tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, ir-regoli tal-VAT li jiddeterminaw minn fejn saret il-provvista ta' servizzi oħra li jistgħu jingħataw minn post fil-bogħod, għandhom bżonn jinbidlu bl-istess mod sabiex jiżguraw li operaturi fi u barra l-UE jkunu fuq l-istess bażi u biex jiggarantixxu li d-dħul ikun allokat lill-pajjiż fejn ikun sar il-konsum.

Fl-2003, il-Kummissjoni ppreżentat proposta dwar **il-lok tal-provvista għas-servizzi bejn persuni taxxabbli** (B2B).[9] Dan l-aħħar, din il-proposta kienet emendata sabiex tinkludi r-**reviżjoni tar-regoli tal-lok tal-provvista għal servizzi min-negozji għall-konsumatur** (B2C).[10] Meta tkun adottata, il-proposta emendata għandha tnaqqas il-piż tal-VAT minn fuq in-negozji li jipprovdu servizzi bejn il-fruntieri lil negozji oħra billi telimina l-bżonn ta' reġistrazzjoni oħra tal-VAT u l-ħtieġa ta' proċeduri ta' rifużjoni li jqumu ħafna. Hija tgħin ukoll sabiex jingħeleb it-tagħwiġ fil-kompetizzjoni li jkun ġej mill-applikazzjoni ta' rati differenti ta' VAT minn Stati Membri differenti (u li għalihom iktar armonizzazzjoni ta' rati m'hijiex probabbli) u biex jinħoloq bilanċ ġust ma' operaturi ta' pajjiżi terzi.

d) Regoli tal-VAT dwar servizzi finanzjarji

Ir-regoli tal-VAT dwar is-servizzi finanzjarji jmorru lura sa mill-1977 u jipprovdu eżenzjoni ġenerali għal dak is-settur. Dan ifisser li l-VAT li istituzzjonijiet finanzjarji jħallsu fuq ix-xiri tagħhom, ġeneralment, ma titnaqqasx u għalhekk issir spiża finali għalihom. Dan joħloq effett ta' kaskata bir-riżultat ta' żjieda fil-prezz tas-servizzi li jingħataw lill-klijenti. Is-sitwazzjoni tista' tikkomplika ruħha iktar meta l-istituzzjonijiet finanzjarji jgħaddu lil ħaddieħor parti mill-attivitajiet tagħhom u dawn il-provvisti jsiru suġġetti għal VAT addizzjonali. Hemm evidenza valida li din is-sistema ta' eżenzjoni hi fondamentalment ineffiċjenti u żżid l-ispejjeż.

Hemm **bżonn ta' reviżjoni ta' dawn ir-regoli** minħabba li huma sors dejjem jikber ta' tensjoni. Barra dan, ir-regoli jagħtu lok għall-interpretazzjonijiet differenti fuq livell nazzjonali. Dawn il-miżuri antikwati ta' VAT kulma jmorru qegħdin iktar jitbiegħdu minn għanijiet oħra tal-politika Komunitarja bħalma hu l-Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji. Ta' sikwit, konsegwenzi mhux intenzjonati li ġejjin mir-regoli tal-VAT huma ta' xkiel għal

---

9 Kummissjoni, COM(2003) 822.
10 Kummissjoni, COM(2005) 334.

iktar effiċjenza fis-settur li altrimenti wieħed kien jistenna bħala riżultat tal-ħolqien ta' suq wieħed pan-Ewropew għas-servizzi finanzjarji.

Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb, wara proċess wiesa' ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha, li tippreżenta proposta ta' leġislazzjoni biex tadatta r-regoli tal-VAT dwar is-servizzi finanzjarji għall-evoluzzjoni tas-suq finanzjarju wieħed.

e) L-awtoritajiet pubbliċi li jikkompetu mas-settur privat

Ir-regoli li japplikaw għall-eżenzjonijiet ta' servizzi b'interess pubbliku u **l-esklużjoni ta' l-entitajiet pubbliċi mill-ambitu ta' l-applikazzjoni tal-VAT** jeħtieġu li jkunu aġġornati wkoll. Ir-regoli preżenti huma antikwati u ma jirrelatawx aktar mar-realtà ekonomika tas-seklu 21, meta dawk li qabel kienu monopolji ġew suġġetti għall-proċess ta' liberalizzazzjoni u partijiet kbar tas-servizzi pubbliċi kienu parzjalment jew totalment ipprivatizzati. Dan qed jikkawża tagħwiġ fil-kompetizzjoni u ineffiċjenzi ekonomiċi kif ukoll jinkoraġġixxi skemi ta' kif wieħed jaħrab mit-taxxa. Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li temenda r-regoli attwali tal-VAT billi tagħmel proposta sa tmiem is-sena 2006 biex tistabbilixxi mill-ġdid bilanċ ġust għal ċerti attivitajiet fejn huma involuti entitajiet kemm pubbliċi u kemm privati.

2.1.3. Miżuri mmirati għat-tneħħija ta' barrieri ta' taxxa ta' bejn il-fruntieri li kumpaniji ta' l-UE qed jiffaċċjaw

Sakemm issir l-implimentazzjoni tas-CCCTB, il-Kummissjoni identifikat għadd ta' soluzzjonijiet immirati biex jintlaħqu għat-tneħħija tal-barrieri ta' taxxa waħda fil-qasam tat-**tassazzjoni tal-kumpanija**.

a) Kumpens għat-telf ta' bejn il-fruntieri

In-nuqqas ta' **kumpens għat-telf ta' bejn il-fruntieri** għandu ħabta jħalli impatt fuq deċiżjonijiet tan-negozju billi jħeġġeġ kumpaniji jew li jinvestu lokalment jew li jagħmlu investimenti transnazzjonali fi Stati Membri ikbar minħabba l-probabbiltà ikbar li jkollhom diġà bażi ta' taxxa li tista' tagħmel tajjeb għat-telf li jsir.

Filwaqt li telf ta' bejn il-fruntieri minn kumpanija waħda, jiġifieri telf ta' kumpanija bi stabbiliment permanenti barra, fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri jista' jitqies li jkun sar fejn ikunu jinsabu l-kwartieri ġenerali, huma biss il-ftit dawk l-Istati Membri li joffru kumpens għal telf transnazzjonali lill-gruppi ta' kumpaniji, jiġifieri kumpens li jippermetti għat-telf ta' kumpanija barranija li tkun tagħmel parti mill-istess grupp. Hija ħaġa ovvja li dan it-trattament differenti joħloq it-tagħwiġ.

Wara li kienet ġiet irtirata proposta ta' l-1990 dwar direttiva li kellha tieħu ħsieb din il-kwistjoni, il-Kummissjoni bdiet taħdidiet tekniċi ma' l-Istati Membri bil-ħsieb li tippreżenta Komunikazzjoni ftit wara li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tat il-verdett tagħha fil-kawża C-446/03 ("Marks & Spencer"), li, b'mod partikulari, għandha tkun rilevanti f'dan il-qasam.

b) Il-prezz tat-trasferiment

Il-ġestjoni tal-**prezz tat-trasferiment** hija l-kaġun ta' ħafna iktar spejjeż ta' konformità għal kumpaniji ta' l-UE.[11] Fl-2002 il-Kummissjoni waqqfet il-Forum Konġunt ta' l-UE dwar il-

[11] Ara "Is-Servej Ewropew dwar it-Taxxa" (SEC(2004) 1128/2).

Prezz tat-Trasferiment sabiex issib soluzzjonijiet pragmatiċi u mhux leġislattivi għall-problemi tal-prezz tat-trasferiment fl-UE. Dan jikkonsisti f'esperti tat-taxxa minn amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' l-Istati Membri u mid-dinja tal-kummerċ. Il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni wara l-ewwel rapport tal-Forum, inkluża proposta għal Kodiċi ta' Tmexxija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' l-Arbitraġġ fl-2004 [12]. Il-Kunsill ta l-kunsens tiegħu dwar dan il-Kodiċi ta' Tmexxija f'Diċembru li għadda.

Wara t-tieni rapport tal-Forum f'Mejju ta' l-2005, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li dis-sena tipproponi Kodiċi ta' Tmexxija dwar strateġija komuni lejn id-dokumentazzjoni tal-prezz tat-trasferiment għall-intrapriżi assoċjati ġewwa l-UE. Barra dan, is-servizzi tal-Kummissjoni u l-membri tal-Forum qed jiffokaw fuq proċeduri alternattivi sabiex kwistjonijiet dwar taxxa jkunu evitati u eliminati.

c) It-taxxa kapitali

M'hemmx dubju li ċerti taxxi indiretti bħalma hi **t-taxxa kapitali** (taxxa fuq għotjiet ta' kapital lil kumpaniji kapitali) huma ta' ħsara għan-negozji fl-UE u għandhom jitneħħew bħala parti mill-proċess li jagħmel l-Ewropa post iktar attraenti għall-investiment. Il-ġbir ta' taxxa fuq il-kapital hu ta' ħsara partikularment fejn jidħlu operazzjonijiet ta' ristrutturar u żvilupp ta' kumpaniji ta' l-UE. Hija wkoll ta' żvantaġġ kemm għal kumpaniji li jibdew u kemm għal dawk li jridu jkabbru l-kapital tagħhom. F'dawn l-aħħar snin, it-tendenza kienet favur it-tneħħija ta' din it-taxxa kapitali. Fil-preżent huma 10 biss minn 25 l-Istati Membri li jiġbru din it-taxxa. Mis-sena d-dieħla se jkunu 8 biss li se jkomplu jiġbruha.

Għalhekk, is-servizzi tal-Kummissjoni bħalissa qed iħejju proposta għal arranġament mill-ġdid tal-kitba tad-Direttiva dwar it-Taxxa Kapitali[13] qabel tmiem is-sena 2006. L-għan ta' dan l-arranġament mill-ġdid tal-kitba hu li jissemplifika u jaġġorna l-liġi u li jipprovdi li din t-taxxa kapitali tispiċċa ftit ftit bil-ħsieb li dan igħin l-iżvilupp tal-kumpaniji ta' l-UE.

2.1.4. Strateġija ġdida għat-tassazzjoni ta' karozzi

Is-suq Ewropew **tal-karozzi** huwa eżempju tajjeb ta' settur li **għadu ma bbenefikax b'mod sħiħ mis-suq intern**, u t-tassazzjoni hija waħda mir-raġunijiet ta' dan. Wara Komunikazzjoni fl-2002[14] u proċess estensiv ta' konsultazzjoni, fil-5 ta' Lulju 2005 l-Kummissjoni adottat proposta ġdida dwar tassazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri[15]**.** Din il-proposta tagħmel sejħa għat-**tneħħija ftit ftit tat-taxxi tar-reġistrazzjoni tal-karozzi fl-Istati Membri u s-sostituzzjoni tagħhom b' taxxi annwali ta' ċirkolazzjoni jew xi taxxi oħra eżistenti jew taxxi ġodda innovattivi**. It-tneħħija ftit ftit tat-taxxi tar-reġistrazzjoni tnaqqas il-burokrazija u l-ispejjeż kbar tat-transazzjonijiet li jiffaċċjaw il-konsumaturi. Iġġib magħha wkoll iktar trasparenza u ċertezza legali għall-operaturi kollha u jonqsu d-divrenzji eżistenti fil-prezzijiet tal-karozzi b'wieħed minn kull ħamsa.

Il-proposta timmira wkoll sabiex tnaqqas il-frammentar li jeżisti fis-suq Ewropew tal-karozzi li jolqot il-kummerċ tal-karozzi bejn il-fruntieri. Fil-preżent, għal raġunijiet ta' taxxa, ta' sikwit jinħass l-obbligu fl-industrija għall-produzzjoni ta' mudelli speċifiċi bi speċifikazzjonijiet differenti għall-Istati Membri differenti. Il-proposta għandha tagħti spinta

12 Kummissjoni, COM(2004) 297.
13 Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE tas-17 ta' Lulju 1969 kif emendata.
14 Kummissjoni, COM(2002) 431.
15 Kummissjoni, COM(2005) 261.

lill-industrija tal-karozzi biex tibbenefika minn vantaġġi ekonomiċi minħabba d-daqs akbar ta' produzzjoni ta' karozzi bl-istess speċifikazzjonijiet tekniċi għas-suq kollu intern.

2.1.5. Innaqqsu t-tagħwiġ maħluq mill-frodi u l-evażjoni tat-taxxa

Il-frodi ta' taxxa toħloq tagħwiġ sinifikanti fl-operat tas-suq intern, iżżomm lura l-kompetizzjoni ġusta kif ukoll tiekol il-flejjes li suppost jintużaw għall-implimentazzjoni tas-servizzi pubbliċi fuq livell nazzjonali. Żjieda fil-livelli ta' frodi tirriżulta f'iżjed piżijiet ta' taxxa għal kumpaniji leġittimi billi l-gvernijiet ikunu jridu jagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet fid-dħul tagħhom.

L-operat tas-sistemi fiskali hu f'idejn l-Istati Membri, u hekk għandu jibqa'. Madankollu, il-Kummissjoni temmen li metodi iktar komuni u koordinati jistgħu jgħinu u jinkoraġġixxu l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-frodi ta' taxxa. Għalhekk il-Kummissjoni bħalissa qed tqis il-bżonn ta' politika ġdida kontra l-frodi ta' taxxa fuq livell Ewropew. Qed tkun ikkunsidrata firxa wiesgħa ta' għodod bħal titjib fil-kooperazzjoni bejn amministrazzjonijiet interni; tnaqqis fl-ostakoli għal bdil effettiv ta' informazzjoni, bħal per eżempju, aċċess aħjar għall-informazzjoni tal-banek; il-promozzjoni ta' negozjati ma' pajjiżi terzi sabiex jintroduċu dispożizzjonijiet għal bdil ta' informazzjoni; iktar żviluppi fl-użu ta' għodod ta' kooperazzjoni amministrattiva ġewwa l-Komunità; u titjib fil-leġislazzjoni fondamentali tat-taxxa.

Il-Kummissjoni tiżgura l-koordinazzjoni meħtieġa, b'mod partikulari bil-ħsieb li tkabbar l-għodod ta' kooperazzjoni amministrattiva disponibbli għall-Istati Membri. Il-ħsieb tagħha hu li fl-2006 tippreżenta Komunikazzjoni dwar dan is-suġġett.

2.2. Niżguraw swieq miftuħa u kompetittivi ġo u barra l-Ewropa

Il-kumpaniji Ewropej qed iħabbtu wiċċhom ma' numru dejjem jikber ta' sfidi internazzjonali. Li jkunu żgurati minn bilanċ ġust għalihom ilkoll, kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE, ikabbar l-investiment fis-suq intern ta' l-UE. Tinħtieġ għalhekk azzjoni li ttejjeb il-kompetittività internazzjonali tal-kumpaniji ta' l-UE sabiex jintlaħqu l-miri ta' l-aġenda ta' Lisbona.

2.2.1. Strateġija kontra l-iffalsifikar

Id-drittijiet tal-proprjetà industrijali u intellettwali tan-negozji ta' l-UE qed jinkisru bil-goff bil-**piraterija u falsifikazzjoni ta' prodotti**. Skond l-istudji li saru mill-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ fl-1997 u l-OECD fl-1998:

- Il-prodotti ffalsifikati kienu jammontaw għal 5 sa 7% tal-kummerċ dinji
- Il-prodotti ffalsifikati kienu responsabbli għat-telf ta' 200 000 impjieg fl-Ewropa

Minn dak iż-żmien 'il hawn kien hemm żjieda qawwija f'dan it-traffiku. Fl-2003 f'Davos, l-Isvizzera, mexxejja dinjija tal-kummerċ u rappreżentanti tal-Gvern għamlu sejħa għal "sforz kbir dinji fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar, li issa stmat li jgħodd għal iktar minn 450 biljun dollaru fis-sena". It-titjib fil-kontrolli mal-fruntieri kien meqjus ta' importanza ewlenija.

Fl-UE, is-sekwestri doganali (iktar minn 100 miljun oġġett fis-sena, b'valur ta' 'l fuq minn €1 biljun) żdiedu bi kważi 1000% f'dawn l-aħħar ħames snin. Is-setturi kummerċjali kollha ta' l-UE qed jikkonfrontaw iktar kompetizzjoni minn dan il-kummerċ illegali u inġust. Dan il-kummerċ inaqqas ukoll id-dħul mit-taxxi u jipperikola s-sigurtà taċ-ċittadini.

Azzjoni effettiva li tħares id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali hi meħtieġa jekk wieħed irid jinkoraġġixxi l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp u jiżgura bilanċ ġust għal kulħadd kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE.

Strateġija koerenti bbażata fuq miżuri prattiċi biex tagħti lin-negozji għajnuna konkreta u li m'hix għolja sabiex tiġġieled din it-theddida titlob intervent sod fuq livell Komunitarju. Tinħtieġ ukoll il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali sabiex tiġi fi tmiemha il-produzzjoni u l-esportazzjoni tal-prodotti foloz mill-pajjiżi fejn joriġinaw. Mingħajr din ix-xibka tas-sigurtà tirfed minn taħt, in-negozji se jħabbtu wiċċhom ma' ġlieda inġusta dejjem tikber kontra reġjuni ġodda li qed jipproduċu l-affarijiet foloz fuq skala mingħajr preċedent.

Wara li f'Lulju ippreżentat pakkett komprensiv ta' miżuri kriminali bil-għan li jkun żgurat l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[16], il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni f'Ottubru ta' l-2005[17] fejn nediet miżuri konkreti mfassla biex iżidu l-protezzjoni li l-awtoritajiet tad-dwana jistgħu joffru kontra l-piraterija u l-iffalsifikar, jiġifieri permezz ta' sħubija akbar ma' operaturi ekonomiċi u iżjed kooperazzjoni internazzjonali ma' l-imsieħba kummerċjali ta' l-UE.

2.2.2. Titjib fil-leġislazzjoni u fil-konformità doganali u l-promozzjoni tad-Dwana Elettronika

Fl-ambjent kummerċjali internazzjonali tal-lum, formalitajiet għaċ-ċaqliq ta' oġġetti bejn il-fruntieri li jkunu sempliċi, prevedibbli u ekonomikament effikaċi saru ċentrali għat-tkabbir ekonomiku permezz ta' parteċipazzjoni nazzjonali jew reġjonali fil-kummerċ internazzjonali. Barra dan, l-awtoritajiet tad-dwana huma f'qagħda tajba biex jiżguraw li l-prodotti importati jirrispettaw il-kundizzjonijiet ambjentali, sanitarji u tekniċi, kif ukoll li l-miżuri tal-politika kummerċjali jkunu infurzati b'mod effiċjenti. Din il-parti mix-xogħol tad-dwana hi kruċjali biex tiżgura li

* bilanċ ġust għal kulħadd jinħoloq, jinżamm jew ikun ristabbilit ma' l-imsieħba kummerċjali,

* il-prodotti għall-konsumatur magħmula fil-KE u li jkunu sensittivi għall-kummerċ ikunu jistgħu jiksbu l-benefiċċji kollha marbuta ma' l-i*standards* u l-lok tal-produzzjoni, u

* li l-miżuri ta' difiża jkunu effettivi fejn ikun hemm bżonn li jittaffa l-impatt ta' aġġustamenti neċessarji fil-KE.

Fl-2003, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar ambjent doganali u kummerċjali sempliċi u mingħajr dokumenti, kif ukoll dwar ir-rwol tad-dwani fil-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni.[18] Dwar ta' l-aħħar tħejja pjan ta' azzjoni għal reviżjoni sħiħa tal-proċeduri doganali li tinkludi s-semplifikazzjoni u l-assimilazzjoni tagħhom sabiex isir użu sħiħ mill-possibbiltajiet li joffru l-informatika u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni (ICT). Il-presentazzjoni ta' oġġetti d-dwana huwa pass mandatorju fiċ-ċaqliq tagħhom bejn il-fruntieri esterni tal-Komunità. Il-proċeduri li jridu jkunu applikati jinfluwenzaw b'mod sinifikanti r-rwol ta' l-industrija lokali fil-kummerċ internazzjonali u l-kontribut tagħha lill-ekonomija lokali. Li l-prodotti jgħaddu mid-dwana b'mod effettiv u effiċjenti jżid il-parteċipazzjoni ta' l-industrija lokali fis-suq globali, jikkontribwixxi għall-kompetittività tiegħu, u jħeġġeġ il-

[16] Kummissjoni, COM(2005)479
[17] Kummissjoni, COM(2005)479
[18] COM(2003) 452.

parteċipazzjoni ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fil-kummerċ internazzjonali fil-waqt li jintlaqgħu l-isfidi tas-sigurtà. Barra minn hekk, bl-allinjament u l-adattament tal-leġislazzjoni, proċeduri u proċessi doganali, inklużi *standards* komuni għal sistemi ta' l-IT, **Kodiċi Doganali modernizzat**, flimkien ma' ħidma ta' operazzjonijiet fl-Istati Membri, ikunu ta' għajnuna biex jinkiseb ambjent doganali u kummerċjali sempliċi u fejn ma jintużawx dokumenti.

Dan il-Kodiċi Doganali modernizzat, li se jkun is-suġġett ta' proposta tal-Kummissjoni iktar tard din is-sena, se jkun il-pilastru leġislattiv tad-Dwana Elettronika. Huwa se joħloq il-bażi legali għal skambju ta' *data* elettronika mhux biss bejn negozjanti u awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri, imma wkoll ma' amministrazzjonijiet jew aġenziji oħra involuti fiċ-ċaqliq internazzjonali tal-prodotti, kif provdut fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rwol tal-Gvern Elettroniku għall-futur ta' l-Ewropa.[19] Skond din l-inizjattiva, in-negozjanti jridu jagħtu l-informazzjoni lill-awtoritajiet tad-dwana darba biss, ('single window') u dawn l-awtoritajiet differenti jikkontrollaw l-oġġetti fl-istess ħin u fl-istess post ('one-stop shop').

Sabiex jingħata lok għal ġestjoni effettiva u effiċjenti tar-riskji, l-amministrazzjonijiet tad-dwana ta' l-Istati Membri kollha jridu jkunu jistgħu jgħaddu lil xulxin l-informazzjoni elettronika. B'mod partikulari din tinkludi l-iskambju tad-dikjarazzjonijiet ta' qabel il-wasla u t-tluq ta' l-oġġetti, informazzjoni dwar ir-riskji u informazzjoni dwar l-operaturi ekonomiċi. Għalhekk, is-sistemi u l-prassi doganali jeħtieġ li jkunu konverġenti, filwaqt li s-sistemi doganali awtomatizzati ta' l-Istati Membri u tal-Kummissjoni jeħtieġ li jkunu ssinkronizzati. Barra dan, in-negozjanti jeħtiġilhom li jikkomunikaw u jagħmlu xogħolhom mad-dwana *online*. Dan għandu jinkiseb fuq bażi tal-prinċipju ta' "l-aċċess inklużiv" (aċċess ta' pjattaforma multipla), kif iddefinit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq dwar ir-rwol tal-Gvern Elettroniku għall-futur ta' l-Ewropa.

2.3. Intejbu r-regolamentazzjoni Ewropea u nazzjonali

2.3.1. Naġġornaw ir-regoli tal-VAT

Element importanti ta' l-istrateġija mġedda ta' Lisbona hu r-regolamentazzjoni aħjar. Fil-qasam tal-**VAT**, il-Kummissjoni għamlet **diversi proposti** mmirati biex itejbu l-qafas regolatorju sabiex jitneħħew l-ostakoli fl-operat tas-suq u tidħol iktar kompetizzjoni.

Il-leġislazzjoni bażi tal-VAT imniżżla fis-Sitt Direttiva tal-VAT għaddiet minn ħafna tibdil u saret ikkomplikata u diffiċli biex tifhimha. Għalhekk il-Kummissjoni pproponiet **arranġament mill-ġdid tal-kitba tas-Sitt Direttiva tal-VAT**[20] sabiex dawk in-negozjanti li jkunu jixtiequ jagħmlu l-kummerċ fl-UE jkollhom regoli ċari fuq livell ta' l-UE. Id-diskussjonijiet dwar din il-proposta mxew 'il quddiem b'mod sinifikanti fil-Kunsill u se jitkomplew bil-ħsieb li l-proposta tkun adotata sa tmiem l-2005.

Barra dan, tidher iktar ċara l-ħtieġa li s-sistema tal-VAT tkun applikata b'mod iktar uniformi sabiex tiffaċilita l-attivitajiet kummerċjali mal-Komunità kollha. Fl-2004, il-Kunsill ipprovda għall-possibbiltà li jkunu adottati miżuri biex jiżguraw l-implimentazzjoni uniformi tar-regoli eżistenti tal-VAT[21]. Dan l-aħħar, il-Kunsill ta l-kunsens għall-ewwel Regolament propost[22]

19 Kummissjoni, COM(2003) 567.
20 COM(2004) 246.
21 Direttiva 2004/7/KEE.
22 Kummissjoni, COM(2004) 641.

mill-Kummissjoni skond din il-bażi ġdida legali u dan se jkun adottat dalwaqt. Il-Kummissjoni tqis li **użu iktar estensiv ta' din il-possibbiltà li tkun adottata leġislazzjoni sekondarja tal-VAT li tkun torbot** fuq livell Komunitarju ikun pass kbir biex jingħelbu d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom in-negozji meta jsibu ma' wiċċhom interpretazzjonijiet diverġenti tal-liġi tal-VAT ta' l-UE.

Il-ħtieġa għal applikazzjoni iktar uniformi tar-regoli tal-VAT tidher b'mod partikolari fejn interpretazzjonijiet differenti jistgħu jwasslu għal **tassazzjoni doppja** (jew bil-kontra, għall-ebda tassazzjoni). Madankollu, minħabba l-fatt li Stati Membri jistgħu ma jaħsbuhiex l-istess dwar in-natura ta' xi provvista partikulari, ikun hemm ukoll ċirkostanzi ta' tassazzjoni doppja jew kundizzjoni li n-negozjant iħallas il-VAT fuq l-istess transazzjoni f'żewġ Stati Membri differenti. Din l-interpretazzjoni differenti tal-fatti tista' sseħħ minkejja li l-Istati Membri kkonċernati jkollhom liġijiet tal-VAT identiċi. Għalhekk, il-Kummissjoni sa l-aħħar ta' l-2005 se tipproponi mekkaniżmu ta' l-UE li jirriżolvi jew li ta' l-inqas itaffi dawn is-sitwazzjonijet ta' tassazzjoni doppja.

3. GĦARFIEN U INNOVAZZJONI GĦAT-TKABBIR

3.1. Inżidu u ntejbu l-investiment fir-Riċerka u l-Iżvilupp (R&D)

Kemm it-teorija ekonomika u l-analiżi empirika jenfasizzaw is-sehem ewlieni li għandu l-R&D fit-tkabbir ekonomiku. Investimenti fl-R&D tipikament joħolqu effett fuq ieħor fejn dak li s-soċjetà tiggwadanja lura jkun ikbar minn dak privat tal-kumpanija. Għalhekk, mingħajr l-intervent pubbliku l-livell ta' riċerka kummerċjali tibqa' taħt il-livell l-aktar favorevoli u tfalli milli tagħti spinta lill-potenzjal kollu tat-tkabbir ta' l-ekonomija.

Minħabba f'hekk, l-aġenda ta' Lisbona tinkludi diversi miżuri mfassla sabiex jippromwovu l-R&D. Il-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' Marzu 2005 jistqarru b'mod espliċitu li l-għan ta' investiment fl-R&D ta' 3% "se jintlaħaq fost ħwejjeġ oħra permezz ta' inċentivi fiskali għall-investiment privat….."

3.1.1. Komunikazzjoni ta' gwida għal inċentivi fiskali fl-R&D

L-inċentivi fiskali jistgħu jgħinu jindirizzaw nuqqasijiet fis-suq u jżidu l-investiment fir-riċerka tan-negozji billi jnaqqsu l-istess spejjeż ta' l-R&D. Dan kollu jiddependi fuq l-isfond ekonomiku, il-kapaċità ta' l-R&D u s-sistema fiskali fl-intier tagħha fil-pajjiż partikulari. Il-miżuri fiskali jħallu l-kumpaniji jaraw aħjar x'inhi l-allokazzjoni adatta għall-investiment ta' l-R&D fost il-proġetti u l-prijoritajiet, joffrulhom sigurtà legali ikbar kif ukoll sigurtà fl-ippjanar. Huma jippermettu wkoll il-ħolqien ta' rabta diretta bejn inċentivi pubbliċi u żjieda fin-nefqa privata ta' l-R&D li hi kruċjali meta jitqies in-nuqqas ta' riċerka u innovazzjoni privata fl-Ewropa minn ras għal ras. Madankollu, il-valur ta' l-inċentivi fiskali fl-R&D irid ikun assessjat fil-kuntest tas-sistema fiskali fl-intier tagħha. Per eżempju, il-livell globali tar-rati tat-taxxa tal-kumpanija jeffettwa b'mod qawwi l-impatt ta' l-inċentivi fiskali b'konnessjoni mal-livell ta' l-investiment tan-negozji fl-R&D.

F'dawn l-aħħar snin, l-Istati Membri daħħlu għadd ta' inċentivi fiskali differenti fl-R&D jew saħħew dawk eżistenti. Matul l-aħħar sentejn, il-CREST issorveljat bdil ta' informazzjoni bejn Stati Membri dwar l-aħjar prassi f'dan il-qasam bħala parti mill-proċess ta' tagħlim reċiproku mmirat biex iżid l-ammont ta' investiment fl-R&D. Iżda bħalissa hemm diversità kbira ta' inċentivi ta' R&D fl-Istati Membri li fuq livell Ewropew qed toħloq sitwazzjoni ta' konfużjoni

sħiħa. Minħabba li l-Istati Membri ta' spiss qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi simili, din il-konfużjoni tista' tirriżulta mhux f' allokazzjoni inferjuri tar-riżorsi pubbliċi u hija wkoll ta' xkiel għal bilanċ ġust għal kulħadd ma' l-UE kollha.

Komunikazzjoni ta' gwida għal inċentivi fiskali fl-R&D tista' tkun ta' għajnuna biex dan in-nuqqas relattiv jingħeleb u idealment tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet flimkien għal problemi komuni u saħansitra jfasslu inċentivi għall-R&D li jsaħħu lil xulxin. B'hekk jinħoloq ambjent fiskali favorevoli għall-R&D fil-qasam tar-riċerka ta' l-UE. Skond kif tħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni għal Għajnuna ta' l-Istat, fl-2006 il-Kummissjoni se tirrevedi l-qafas tagħha għall-għajnuna ta' l-Istat favur l-R&D u l-innovazzjoni. Fuq l-istess binarju, se tkun ippreżentata Komunikazzjoni ta' gwida lill-Istati Membri fuq kif ifasslu u jimplimentaw miżuri dwar inċentivi fiskali għall-R&D fis-sistema fiskali ġenerali tagħhom sabiex tipprovdilhom, b'mod partikulari, stampa ċara tal-limitazzjonijiet pertinenti fil-liġi Komunitarja.

Il-Komunikazzjoni se:

- tistabbilixxi l-kundizzjonijiet legali prinċipali ta' l-UE għall-inċentivi fiskali fl-R&D għall-Istati Membri;
- tenfasizza l-aħjar prassi fir-rigward ta' trattament u inċentivi fiskali fl-R&D f''xi Stati Membri li jistgħu jservu ta' mudell għal Stati Membri oħra; u
- fejn hu loku, tistabbilixxi l-messaġġ politiku u l-kontenut prinċipali ta' inizjattivi possibbli fil-futur immirati għall-Istati Membri.

Naturalment, Komunikazzjoni bħal din se tkun imfassla sabiex tgħin lil dawk l-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu użu minn inċentivi fiskali imma li bl-ebda mod ma tobbligħom li jużawhom.

3.2. Niffaċilitaw l-użu sostenibbli tar-riżorsi

Bħala strument bil-bażi tiegħu fis-suq, it-tassazzjoni indiretta jista' jkollha sehem sinifikanti fl-użu sostenibbli tar-riżorsi fl-Unjoni Ewropea. Taxxi tas-sisa mfassla kif suppost jew ħlas speċifiku marbut ma' l-ambjent jipprovdu sinjali ta' prezzijiet aħjar billi jinternalizzaw l-ispejjeż esterni ta' l-ambjent, u b'hekk iwassal lill-protagonisti ta' l-ekonomija jbiddlu l-imġiba tagħhom skond il-bżonn. Barra dan, it-tassazzjoni toffri inċentivi lill-kumpaniji sabiex ifittxu innovazzjonijiet teknoloġiċi li jnaqqsulhom il-piż tat-taxxa. Taxxi fuq l-enerġija, it-trasport u l-ambjent jistgħu jintużaw sabiex jiffaċilitaw dan l-użu sostenibbli tar-riżorsi, preferibbilment f'qafas koordinat ta' l-UE biex ikun evitat it-tagħwiġ fil-kompetizzjoni.

3.2.1. Taxxi relatati ma' l-enerġija, it-trasport u l-ambjent

Id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Prodotti ta' l-Enerġija[23] tat skop ġdid għall-użu ta' taxxi mill-Istati Membri sabiex jiffaċilitaw l-użu sostenibbli tar-riżorsi. Per eżempju, hi tippermetti tnaqqis fit-taxxa għal kumpaniji li jimplimentaw ftehimiet li jwasslu biex jintlaħqu l-għanijiet li jħarsu l-ambjent jew li jwasslu għal titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija.

[23] Direttiva 2003/96/KE (ĠU L283 ta' l-1.10.2003, p.51), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/75/KE (ĠU L157 tat-30.04.2004, p.100)

a) It-tassazzjoni tad-*diesel* kummerċjali

Jeħtieġ, iżda li din id-Direttiva tkun emendata sabiex teħodha kontra **t-tagħwiġ fil-kompetizzjoni tas-swieq tal-ġarr tal-merkanzija** li nħoloq minħabba diverġenzi kbar fil-livelli tat-tassazzjoni tad-*diesel* kummerċjali fl-Istati Membri ta' l-UE. Filwaqt li l-eżerċizzju riċenti fejn intgħarblet il-leġislazzjoni pendenti wassal biex il-proposta ta' l-2002[24] dwar id-*diesel* kummerċjali tkun irtirata, il-Kumissjoni għandha l-ħsieb li qabel tmiem is-sena 2005 tippreżenta proposta ġdida li tikkunsidra l-kummenti li għamlu l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-operaturi matul id-dibattiti dwar il-proposta inizjali.

b) It-tassazzjoni ta' l-enerġija

Il-Kummissjoni qed tqis ukoll jekk tipproponix tibdil fid-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija sabiex tintroduċi **miri ambjentali iktar ambizzjużi ta' tassazzjoni ta' l-enerġija** bil-ħsieb li l-ispejjeż esterni jkunu internalizzati kompletament. Fil-*Green Paper* dwar l-Effiċjenza ta' l-Enerġija ta' l-2005[25], il-Kummissjoni stqarret li iktar inizjattivi jeħtieġu li jkunu kkunsidrati sabiex jissaħħaħ l-impatt pożittiv tal-politika ta' tassazzjoni favur effiċjenza ikbar ta' l-enerġija. Dawn jinkludu, per eżempju, l-approssimazzjoni, għalkemm lejn l-ogħla parti ta' l-iskala, tar-rati tas-sisa fuq prodotti ta' l-enerġija u ta' l-elettriku użat fil-produzzjoni u l-introduzzjoni ta' indiċi awtomatiku tar-rati kollha tas-sisa.

c) It-tassazzjoni ta' karozzi

Barra dan, wieħed għandu jinnota illi l-proposta dwar it-taxxa tal-karozzi li ġiet adottata dan l-aħħar u li saret referenza għaliha hawn fuq fis-sezzjoni 2.1.4 tinkludi wkoll disposizzjonijiet għall-introduzzjoni ta' element ta' taxxa sensittiv għas-CO2. Dan ikollu l-bażi tiegħu fid-disposizzjonijiet tat-taxxa tal-karozzi ta' l-Istati Membri. Il-miżuri fiskali jikkostitwixxu waħda mit-tliet pilastri ta' l-istrateġija tal-Komunità sabiex **jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-karozzi tal-passiġġieri**. L-aħjar użu ta' dawn il-miżuri, flimkien ma' l-impenn mill-industrija tal-karozzi u l-informazzjoni lil konsumatur, huma kritiċi li tintlaħaq il-mira ta' 120 gramma ta' CO_2 kull kilometru. It-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2 imur id f'id ma' l-iffrankar fil-konsum ta' l-enerġija tal-karozzi, illi bil-mod għandu jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-użu effiċjenti tal-prodotti ta' l-enerġija u s-sostenibbiltà tal-provvisti ta' l-enerġija.

---

24 COM(2002) 410.
25 COM (2005) 265.

ANNESS

L-Istrateġija ta' Lisbona: Miżuri Ewlenin ta' Politika ta' Tassazzjoni u Dwana adottati diġà jew li qed ikunu kkunsidrati

Nagħmlu l-Ewropa post iktar attraenti għall-investiment u x-xogħol	**L-għerf u l-innovazzjoni għat-tkabbir**
1. Inwessgħu u nkabbru s-suq intern	*1. Inżidu u ntejbu l-investiment fl-R&D*
• Bażi Komuni u Konsolidata ta' Taxxa tal-Kumpanija għan-negozji ta' l-UE (2008); • Nissemplifikaw l-ambjent fiskali u noħolqu bilanċ ġust għal kulħadd: Obbligi ta' konformità dwar il-VAT: 'one stop shop', (2004); tassazzjoni ta' l-istat residenzjali, (2005); regoli tal-VAT dwar is-servizzi internazzjonali u finanzjarji (2005), (2006); VAT għall-entitajiet pubbliċi, (2006); • Miżuri mmirati għat-tneħħija ta' barrieri ta' taxxa ta' bejn il-fruntieri li kumpaniji ta' l-UE qed jiffaċċjaw: Kumpens għat-telf ta' bejn il-fruntieri, (2006); il-prezz tat-trasferiment, (2005); it-taxxa kapitali, (2006); • Strateġija ġdida għal tassazzjoni ta' karozzi (2005); • Innaqqsu t-tagħwiġ maħluq mill-frodi u l-evażjoni tat-taxxa (2006).	• Komunikazzjoni ta' gwida għal inċentivi fiskali fl-R&D (2006). .
2. Niżguraw swieq miftuħa u kompetittivi ġo u barra l-Ewropa	*2. Niffaċilitaw l-użu sostenibbli tar-riżorsi*
• Strateġija kontra l-iffalsifikar (2005); • Titjib tal-leġislazzjoni doganali bil-ħsieb li nippromwovu d-Dwana Elettronika (2005).	• Taxxi relatati ma' l-enerġija, it-trasport u l-ambjent: it-tassazzjoni tad-*diesel* kummerċjali, (2005); it-tassazzjoni ta' l-enerġija, (2006); it-tassazzjoni ta' karozzi, (2005).
3. Intejbu l-leġislazzjoni Ewropea u nazzjonali	
• Naġġornaw ir-regoli tal-VAT (2005).	